MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 8/2004

Andreluna Company Limited

Vs

Joseph u Lorraine konjugi Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta attrici fl-14 ta' April 2004 li permezz tieghu talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200) dovuti bi hlas ghal servizz ta' *catering* provdut fl-okkazzjoni tat-tieg.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenuti fl-10 ta' Gunju 2004 fejn ikkontestaw li huma debituri tas-socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet verbali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-vertenza tittratta kont li bih is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200) minghand il-konvenuti bhala hlas ghal servizzi li offriet relatati mar-riceviment li ghamlu dakinhar li zzewgu (13 ta' Lulju 2002). Il-konvenut kien impjegat bhala chef mal-kumpannija attrici. Minn qari tan-nota ta' l-eccezzjonijiet hu evidenti li l-konvenuti qeghdin jippretendu li l-hlas dovut lis-socjeta attrici kien ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) igifieri kont li jkopri mitt ruh bir-rata ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) ghal kull ras. Min-naha l-ohra s-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200).

2. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2007 Charles Cordina xehed li r-rata *standard* li l-kumpannija attrici zzomm ghas-servizz ta' catering fit-tigijiet hi ta' erbatax-il lira Maltija (Lm14) ghal kull persuna pero' li f'dan il-kaz ma giet pattwita l-ebda rata ta' hlas. Ikkonferma wkoll li peress li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici, kien qallu li *"ser nirrangalu prezz tajjeb"*. Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin isostnu li l-kont kellu johrog fuq mitt (100) persuna [ara nota ta' l-eccezzjonijiet – fol. 11] filwaqt li s-socjeta attrici ssostni li l-mistednin kienu originarjament mija u hamsin (150) persuna u li tlett (3) xhur qabel id-data tat-tieg zdiedu ghal mitejn (200) persuna (fol. 17 – affidavit ta' Charles Cordina). Verzjonijiet li huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Fil-kors tal-gbir tal-provi sar ezercizzju sabiex is-socjeta attrici taghti rendikont tal-ispejjez li tghid li kellha, ghal dak li jikkoncerna per ezempju l-kiri ta' siggijiet u mwejjed u kiri tas-sala u jekk l-ispejjez li s-socjeta attrici tghid li nkorriet

kienux minfuha jew addirittura fittizji. Dan wara li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2006 Charles Cordina (waqt il-kontroezami) xehed li *"ahna meta ghamilna l-lista, meta elenkajna l-lista urejna li l-prezz li ahna tlabna ghat-tieg li huwa ta' elfejn u mitejn (Lm2,200) ta' mitejn (200) ruh huwa jkopri dawn l-ispejjez kollha"*[1] (presumibilment kien qieghed jirreferi ghal lista li tinsab a fol. 21-26). Fl-affidavit tieghu qal:- *"Niccara illi l-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200) tirraprezenta l-hlas dovut ghas-servizzi kollha provduti mis-socjeta Andreluna Company Limited"* (fol. 18). Min-naha taghhom il-konvenuti ddikjaraw li ma' Charles Cordina ftehemu rata ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) ghal kull persuna (fol. 37 u 46). Il-kont mahrug mis-socjeta attrici u moghti lill-konvenuti hu maqsum fi tnejn, il-parti relatata mal-ikel (ammnont ta' elf sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm1,645)) u ohra ghax-xorb (sitt mija u tlett liri Maltin u hamsa u disghajn centezmu (Lm603.95)). In kontro-ezami l-konvenut xehed li *"It-tnax-il lira (Lm12) kien jinkludi fih ukoll l-ispirti u xorb iehor. Kien hu li hadli hsieb ix-xorb ukoll"* (fol. 78). Min-naha l-ohra fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2007, Charles Cordina spjega li x-xorb ma jkunx inkluz fir-rata li jiftehemu mal-gharajjes, u dan peress li jiddependi mill-konsum.
Mill-atti jirrizulta li:-

(a) Il-kont gie kalkolat fuq mitejn (200) persuna (fol. 21 u fol. 51). Mit-total hu evidenti li min-naha tas-socjeta attrici l-kalkoli ma sarux fuq ir-rata ta' Lm12 ghal kull persuna.
(b) Il-konvenut ikkonferma li mistednin kellhom mija u hamsin (150) (fol. 78).
(c) Hemm qbil li x-xorb hadet hsiebu s-socjeta attrici.
(d) Il-konvenuti ipprezentaw kopja ta' dak li jghidu li kien il-menu, ghalkemm anke hawnhekk Charles Cordina ma jaqbilx; *"Il-menu miftiehem huwa dan li tieghu qed nipprezenta kopja Dok. K1 u ftehmna li Lm12 kull persuna, irrelevanti hux adulta jew le ghax xorta l-istess kien ser izzomilna"* (affidavit tal-konvenuta - fol. 46). F'dan

[1] Fol. 58.

il-menu m'hemmx inkluz ix-xorb hlief ghal *punch*. Dan minkejja l-fatt li fl-ahhar parti tal-affidavit tal-konvenuti jinghad li *"Ahna ghandna nhallsu ghal mitt ruh bi Lm12 kull persuna kif ftehemna, tal-waiters u tax-xorb"*, ghalkemm imbaghad ighidu li l-prezz li qieghed jintalab ghax-xorb hu eccessiv.

(e) Skond il-konvenut ghalkemm il-mistiednin kienu mija u hamsin (150), Charles Cordina qalilhom li kien ser jiehu hsieb jaghmel ghall-mitt persuna *"….ghax iservi xorta"* (fol. 37). L-istess qalet il-konvenuta (fol. 47).

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti temmen li m'huwiex verosimili li Charles Cordina minn jeddu qabad u qal lill-konvenuti li kien ser jipprovdi *catering* ghal mitt (100) ruh meta kien hemm mija u hamsin (150) persuna mistednin ghat-tieg. Differenza ta' hamsin (50) persuna m'hijiex ftit fuq tieg fejn ma kienx hemm dak in-numru kbir ta' mistednin. Inoltre, in kontro-ezami (seduta tal-4 ta' Lulju 2007 – fol. 77) il-konvenut xehed li *"jiena qieghed ukoll nikkontesta illi ghandi nhallas tal-mija u hamsin (150) ruh mistednin li kelli fit-tieg u dan peress illi jiena ma' Charles Cordina kont ftehmt illi l-kont jinhareg ghal mitt (100) ruh"*. Fl-istadju tal-kontroezami l-konvenut ma qalx li l-*catering* kien ghal mitt (100) ruh, imma li kien wasal fi ftehim li l-kont ser isir fuq mitt (100) persuna minflok ghal mija u hamsin (150). Dan kontra dak li gie dikjarat fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li *"…..huma ordnaw ix-xoghol ghall-mitt ruh"* (fol. 11). Min-naha tieghu Charles Cordina kkontesta din l-asserzjoni, u l-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenut irnexxielu jaghti prova ta' xi ftehim simili. Inoltre, il-Qorti lanqas mhi konvinta li l-prezz kellu jkopri wkoll ix-xorb. Il-konvenuta xehedet fis-sens li ftehemu fuq il-menu (li kif rajna il-menu ezebit mill-konvenuti jinkludi biss l-ikel) ghall-prezz ta' tnax-il lira Maltija (Lm12). L-istess qal il-konvenut: *"il-menu miftiehem huwa dan li tieghu qed nipprezenta kopja Dok K1 u ftemna li Lm12 kull persuna kien ser izzomilna irrelevanti hux adulta jew le"* (fol. 37). Dan apparti li wiehed jifhem ukoll li l-kont tax-xorb (ghallinqas l-alkohol) ikun jiddependi mill-konsum (cjoe' kemm jinfethu fliexken u t-tip ta' alkohol li jkun gie kkunsmat peress li l-prezzijiet ivarjaw). Inoltre, jekk kif

jghid il-konvenut fir-rata ta' Lm12 ghal kull persuna kien hemm inkluz ix-xorb, il-Qorti ma tifhimx id-dikjarazzjoni li ghamel (fol. 40) li *"il-kont tax-xorb ta' Lm603 ghal kollox eccessiv"*[2]. Ir-raguni tghidlek li jekk ix-xorb kien inkluz f'dik ir-rata, allura m'hijiex kwistjoni li l-kont tax-xorb hu eccessiv imma li s-somma li qeghda tintalab ghax-xorb m'hijiex dovuta.

Skond il-kont mahrug mis-socjeta attrici (kalkolat fuq mitejn persuna), il-prezz ghal kull persuna hu ta' tmien liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm8.23) ghal kull persuna (mhux inkluz ix-xorb). Rata nqas minn dik indikata mill-konvenuti (tnax-il lira Maltija [Lm12] ghal kull persuna). Il-Qorti tqies li mill-atti m'hijiex sodisfatta li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova sodisfacenti li l-*catering* kien ghal mitejn (200) persuna, ghalkemm hi sodisfatta li l-*catering* kien ghal mija u hamsin (150) persuna. Dwar l-ispejjez li Charles Cordina (ir-rapprezentant tas-socjeta attrici) ighid li saru mill-kumpannija attrici u li ddikjara li gew inkluzi fl-ammont li qieghed jintalab minghand il-konvenuti, hemm kwistjonijiet fuq is-segwenti:-

(a) **Kiri tas-sala (Country Club) ghas-somma ta' Lm190** – mix-xhieda ta' Ivan Vella[3] rrizulta li l-hlas sar mill-konvenuti (ara wkoll ricevuta ezebita a fol. 42 li ma gietx kontestata mis-socjeta attrici);

(b) **Kiri ta' siggijiet, imwejjed, tazzi, u platti –** Charles Cordina xehed li dawn l-oggetti nkrew mis-Socjeta Filarmonika Leone A.D. 1863. In sostenn ta' din id-dikjarazzjoni pprezenta dikjarazzjoni (fol. 65) mahruga minn certu Mario Gatt fuq *letterhead* ta' l-istess socjeta' ghas-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650) (fol. 65). L-imsemmi Mario Gatt ma xehedx (jidher li hu assenti minn Malta). Pero' xehed Joseph Apap (seduta tat-22 ta' Mejju 2007 – fol. 70 u 4 ta' Lulju 2007 – fol. 75) li jokkupa l-kariga ta' segretarju. Mir-ricerka li ghamel fil-kotba tas-socjeta ma rrizultalux li thallset is-somma ta' sitt

---

[2] L-istess qalet il-konvenuta (fol. 48).
[3] Seduta 20 ta' Novembru, 2007.

mija u hamsin lira Maltija (Lm650) minn Charles Cordina; *"Jiena nikkonferma illi bhala socjeta ahna nzommu ledger book fejn fih indahhlu bhala entries il-flus illi nkunu qeghdin nircievu. F'dan il-kaz partikolari, kieku Andreluna Company Limited hallset din is-somma kinet tkun inserita f'dan ir-registru u kienet tinhareg ricevuta lis-socjeta. Minn dan kollu m'hemm xejn fil-kaz in kwistjoni"* (fol. 75). Il-Qorti tistqarr li anke jekk verament inkrew il-mobbli li jissemmew fid-dokument a fol. 65, ic-cifra ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650) qeghda taraha gholja. Anke n-numru ta' mitejn u hamsin (250) ma jirriflettix in-numru ta' mistednin. Lanqas ma giet prezentata ricevuta fiskali u inoltre mix-xhieda ta' Ivan Vella rrizulta li fis-sala kien hemm ukoll xi siggijiet u mwejjed.

(c) **Tindif tas-sala** - mix-xhieda ta' Ivan Vella rrizulta li t-tindif tas-sala sar minnhom u mhux mis-socjeta attrici.

Il-Qorti tosserva wkoll li bejn il-kont moghti lill-konvenuti (fol. 43) u dak li l-konvenuti jghidu li kien il-menu li ordnaw (fol. 41) hemm certu diskrepanza fis-sens li fil-kont hemm iktar oggetti tal-ikel. Charles Cordina kkontesta l-menu prezentat mill-konvenuti u qal li din m'hijiex *"….. kopja li harget mill-kumpannija Andreluna Company Limited, peress li kull kopja li tohrog mill-kumpannija ikollha l-letter head ta' l-istess kumpanija"* (fol. 17). Min-naha l-ohra ma jistax ma jissemmix li anke min-numru ta' haddiema li kien hemm fuq il-post, hu evidenti li ghalkemm ma kienx tieg kbir (meta wiehed iqies in-numru ta' mistednin), certament li l-varjeta' ta' l-ikel ma kienitx zghira u fin-nota ta' l-eccezzjonijiet dettaljata prezentata mill-konvenuti (fol. 11) ma saret l-ebda allegazzjoni li fil-kont tnizzlu iktar oggetti milli kien hemm fit-tieg. L-uniku kontestazzjoni min-naha tal-konvenuti hi li l-kont mahrug mis-socjeta attrici hu mahdum fuq *"il-basi ta' 200 ruh flok ta' 100 ruh kif kienu ordnaw l-konvenuti. Bil-kont mahdum ghall-100 ruh, bir-rata korrenti tas-socjeta cioe' ta' Lm12 kull persuna, l-kont kellhu jkun Lm1200 u mhux Lm2248"* (fol. 11).

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hi tal-fehma li l-ammont pretiz ghandu jigi rivedut fis-sens li:-

(a) Is-somma ta’ elf sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm1,645) (fol. 53) titnaqqas ghas-somma ta’ elf mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,233.75);
(b) Is-somma ta’ sitt mija u tlett liri Maltin u hamsa u disghajn centezmu (Lm603.95) ghax-xorb ghandha tigi riveduta ghas-somma ta’ erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450), mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-kwantita u t-tip ta’ xorb li gew elenkati fil-lista prezentata mis-socjeta attrici (fol. 25).

Total ta’ elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,683.75).

Il-Qorti qeghda taghmilha cara li fic-cirkostanzi attwali tal-kaz ma kellix triq ohra ghajr li taghmel kalkoli fuq bazi ta’ *arbitrio boni viri* mehud in konsiderazzjoni li ma sarx ftehim bil-miktub u tista’ tghid li l-kontendenti m’huma jaqblu fuq xejn u hemm incertezza ta’ x’kien fir-realta’ l-ftehim. M’hemmx dubju li s-serjeta’ kienet titlob li konvenzjoni simili ssir bil-miktub sabiex kullhadd ikun jaf fejn hu, irrispettivament tal-fatt li l-konvenut kien impjegat tas-socjeta attrici u kien hemm relazzjoni tajba bejn il-kontendenti.

3. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet il-konvenuti jsostnu wkoll li l-konvenut hu kreditur tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ elf disgha mija u wiehed liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,901.20) li allegatament huma dovuti bhala arretrati ta’ salarji u tmien gimghat *notice*, u li min-naha taghom m’ghandhom ihallsu xejn. Ammont li skond il-konvenut gie kalkolat minn ufficjali tad-Dipartiment tax-Xoghol. Il-konvenuti ghalhekk jippretendu li s-socjeta attrici hija debitur taghhom fl-ammont ta’ sebgha mija u wiehed liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm701.20) meta tnaqqas dak li jippretendu li ghandhom jaghtu lis-socjeta attrici. Min-naha taghha s-socjeta attrici qeghda tikkontesta li ghandha thallas xi flus lill-konvenut (ara affidavit ta’ Charles Cordina a fol. 19-20). L-Artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jipprovdi:-

*"Fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jinghad hawn taht:*

*omissis*

*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenu huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha"*.

Pretenzjoni simili ghal dik tal-konvenuti messha saret permezz ta' talba rikonvenzjonali. M'hemmx dubju, li kieku saret kontro-talba, l-iskop taghha kien ikun sabiex iggib fix-xejn it-talba tas-socjeta attrici, u ghalhekk setghet validament tkun proposta. Wiehed ma jistax jonqos milli josserva wkoll li d-dikjarazzjoni li saret mill-konvenuti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet fis-sens li m'ghandhom ihallsu xejn lis-socjeta, hi kontradittorja ma' dak li xehed il-konvenut fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2007 (fol. 77):- *"Jiena kuntent li nhallsu bir-rata ta' tnax-il lira (Lm12) ghal kull persuna li jkopru mitt (100) persuna."* (fol. 77-78).

Wiehed lanqas ma jista' jqies l-argument tal-konvenuti li jikkwalifika ghal finijiet ta' eccezzjoni ta' tpacija. Huwa maghruf li t-tpacija ***"lanqas ma ssehh jekk wiehed mid-djun ma hux ammess mill-parti l-ohra"*** [sentenza fl-ismijiet **L-avukat Dottor John Mamo nomine vs Edward Borg proprio et nomine** deciza fl-1 ta' Gunju, 1990 mill-Qorti tal-Kummerc (Imhallef C. Scicluna)]. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Paul Abela nomine vs Paul Laferla nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953, inghad:-

***"imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra"***.

Hekk ukoll f'sentenza ricenti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Iceberg Refrigeration Services Limited vs Albert Debono** (Avviz numru: 609/2002) u deciza fit-12 ta' Jannar 2005, il-Qorti ddikjarat: ***"It-tpacija lanqas ma tista' topera ipso jure jekk ma tkunx***

***ammessa mill-parti l-ohra.*** *(Ara wkoll Anastasi vs Dixon, PA 3 ta' Novembru, 1982, u Philip Grech vs Ronald Mifsud Et Kummerc, 6 ta' April, 1982)"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Eucaristico Gauci vs Jesmond Borg et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2004 rega' gie kkonfermat li:-

*"Guridikament, imbaghad, kif maghruf, "il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure gharrigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra" (**Kollez. Vol. XXXVII pI p490**; "**Onor. Carm Lino Spiteri –vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1988)"*.

Dan apparti l-fatt li t-tpacija zgur ma tmurx ma dikjarazzjoni simili ghal dik li ghamel il-konvenut in kontro-ezami (seduta tal-4 ta' Lulju 2007): *"Jiena naccetta illi ghandi nhallas pero' ma naqbilx dwar l-ammont illi qieghed jintalab mis-socjeta attrici"* (fol. 77).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti li m'humiex debituri tas-socjeta attrici, tilqa' t-talba tal-istess socjeta limitatament ghas-somma ta' elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,683.75) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lis-socjeta attrici.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

Spejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) a karigu tal-konvenuti u kwart (1/4) a karigu tas-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------